QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 T' APRIL 2002

Avviz Nru:- 1387/00DM

Perit Arkitett u Inginier Civili Renato La Ferla

vs

Mary Connie Cacciattolo u zewgha Lawrence Cacciattolo

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' erba mija u sebgha u tletin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm437.17), liema somma tinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti drittijiet professjonali dovuti lill-attur u spejjez inkorsi mill-istess attur in konnessjoni ma diversi xoghlijiet professjonali ezegwiti mill-istess attur kif debitament inkarigat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 2000 u tal-ittra legali tat-13 ta' Lulju 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Marzu 2000 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 It-talbiet, kif kontenuti fl-avviz, huma intempestivi peress illi l-kontendenti lahqu ftehim bejniethom li l-hlas dovut jigi effetwat meta l-konvenuti jbieghu art li tinsab f'St. Andrews Road, St. Julians;

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-affidavit tal-attur pprezentat fis-26 ta' Gunju 2001.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Kemm mill-provi prodotti, senjatment id-dokumenti esibiti, kif ukoll min-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-kreditu tal-attur fl-ammont mitlub ta' erba mija seba u tletin lira Maltin u sbatax il-centezmi (Lm437.17) jew dwar l-eskuzzjoni sew tas-servizzi professjonali moghtija mill-attur.

Dak li qieghed jikkontestaw il-konvenuti huwa l-intempestivita' tal-azzjoni attrici billi jssostnu illi l-attur kien ikkoncedilhom beneficcju ta' terminu ghal hlas tal-ammont dovut. Isosstnu li dan il-hlas kellu jsir meta l-konvenuti jkun irrnexxielhom jittrasferixxu lill-terzi s-sular ta' taht fil-bini taghhom li kien destinat ghal garaxxijiet u li izda fil-prezent kienu imbarrati ghax ma kienux koperti bil-permessi.

Din hi l-allegazzjoni li ssostni l-konvenuta Mary Connie Cacciattolo fid-deposizzjoni taghha. Pero billi din l-allegazzjoni giet ikkontestata mill-attur, biex tirnexxi l-eccezzjoni tal-konvenuti din tirrikjedi wisq iktar provi konvincenti mis-semplici dikjarazzjoni tal-konvenuta. Iktar u iktar meta jigi kkunsidrat li ma gie allegat ebda ftehim dwar xi terminu stipulat f'liema kellu jsir dan l-istess bejgh, kif

ukoll meta wiehed jikkonsidra illi dak il-bini li kien qieghed jigi offrut ghall-bejgh kien ghadhu mhux kopert bil-permessi u kien imbarrat, dejjem tenut kont li l-attur huwa ukoll perit di professjoni li ghalhekk ghandhu jigi kkunsidrat bhala persuna intiza fil-kundizzjonijiet tas-suq u l-prospetti ta bejgh tal-beni tal-konvenut fl-istat attwali anke jekk bi prezz baxx.

Ghal dawn il-motivi issib illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ma tirrizultax ippruvata u l-Qorti qieghdha tirrespingi l-istess eccezzjoni.

Konsegwentement qieghdha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghdha tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' erba' mija seba u tletin lira Maltin u sbatax il-centezmi (Lm437.17) bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Marzu 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ37